# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 493/01**

**Numru 35**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Francis Falzon u martu Antoinette Falzon**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u ghoxrin lira (Lm520) rappresentanti import ta' seba' (7) kambjali, wahda ta' Lm40 u l-ohrajn ta' Lm80 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sad-9 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal Lm11, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u

bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet a fol 2 sa fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-nota tal-istess socjeta' attrici (a fol 18 tal-atti) li biha cediet il-meritu tal-kawza stante pagament izda zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-12 ta' Dicembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta' dan il-kaz tilqa t-talba attrici u rigward l-ispejjes ta' din il-procedura u tikkudanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici l-istess spejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001.

Albert Calleja
Deputat Registratur